TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 50/19/F

**Godfrey Mallia**

**vs**

**MBL Garage Door Solutions**

Illum, 23 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u erba' mitt Ewro (€1,400), rappreżentanti l-prezz ta' bieb ta' garage li twaħħal ħażin u kien hemm diversi nuqqasijiet.

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' ntimata ma ssottomettietx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta, u dan minkejja li kienet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna bieb ta' garage mingħand is-soċjeta' ntimata u minkejja li kien hemm dewmien mingħand is-soċjeta' ntimata fl-installazzjoni tal-bieb, dan ġie nstallat u kien hemm diversi nuqqasijiet, fosthom il-locks ma kinux qed jillokkjaw, illi seta' jinfetaħ minn terzi persuni u l-bieb kien qasir.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata ma kkontestatx din it-talba u lanqas attendiet għas-seduta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u erba' mitt Ewro (€1,400), u b'dan illi għandu dritt li jneħħi din l-installazzjoni a spejjeż ta' l-intimat wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888